MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2010

Numru 284/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Mirko Montone**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mirko Montone ta’ 20 sena, iben Claudio u Maria Teresa nee’ Brita, imwieled fl-04/08/1990 Napoli, Italia u residenti Oio Apartments, Flt 2 Triq il-Kosta, Qawra u detentur tal-karta tal-identita’ Taljan numru AR 7971766 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-25 ta’ Awwissu 2010 ghal habta tas-02:15a.m (saghtejn u kwart ta’ filghodu) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Awwissu 2010 esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat l-Ordni tal-Avukat General esebit a fol. 2 tal-process u datat 25 ta’ Awwissu 2010 fejn ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta) ordna li l-imputat Mirko Montone jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-25 ta’ Awwissu, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat kkopera fil-kors tal-investigazzjoni, ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li ghandu l-fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax(12)-il xahar millum.

Il-Qorti tordna li l-konfiska u distruzzjoni tad-droga esebita u mmarkata bhala Dok TM1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------